**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Lulju 2024**

**<u>Rikors Guramentat nru : 52 /2023 AGV</u>**

**V B**

**-vs-**

Dr Maria Karlsson u PL Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lil assenti **AM B**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' VB datat 14 ta' Marzu 2023**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:**

1. Illi r-Rikorrent u l-intimata AMB nee' C ikkuntrattaw iz-zwieg nhar it-30 ta' Gunju 1995 gewwa r-Registru Pubbliku l-Belt Valletta u dan kif jirrizulta mill-Att taz-zwieg bin-numru 1002/1995, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. A';
2. Illi minn dan iz-zwieg, twieldu erbgha t'itfal, illum kollha maggorenni u cioe O B nhar id-9 ta' Marzu 1996, AJB nhar it-13 ta' Dicembru 1997, BJ Nhar it-13 ta' Dicembru 1997 u CJB nhar it-13 ta' Dicembru 2002 u dan hekk kif jinsab muri permezz tac-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. B', 'Dok. C ', 'Dok. D' u 'Dok. E' rispettivament;
3. Illi l-kontendenti kienu stabbilew ir-residenza matrimonjali taghhom gewwa l-fond 123, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar minn fejn rabbew lil uliedhom;
4. Illi ghall-habta tas-sena 2012 l-intimata habta u sabta qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali flimkien ma' tnejn mit-tfal ossia O u C u telqet bihom lejn l-Ingilterra;
5. Illi l-intimata qabdet u telqet minghajr ma nfurmat lir-rikorrent u minghajr ma qaltlu fejn kienet sejra. Illi r-rikorrent ma jafx fejn tinsab u l-kuntatt tieghu maghha matul dawn is-snin kien wiehed ferm minimu. Illi xi snin ilu tilef kull kuntatt li kellu maghha ghal kollox peress li ma baqghetx tirrispondi meta jcempel;
6. Illi kien ir-rikorrent li baqa' imantni u jrabbli wahdu lit-tfal A J u B J kif ukoll li baqa' jhallas l-pagamenti tal-loan bankarju tad-dar matrimonjali;

7. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma baqghetx possibbli minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimata, senjatament eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi oltre l-abbandun taghha tad-dar matrimonjali;
8. Illi in vista ta' dawn it-tortijiet gravi kommessi mill-intimata esklussivament, iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment
9. Illi dawn ir-ragunijiet jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htija mputabbli unikament lill-intimata, hekk kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza;
10. Illi r-rikorrent ottjena d-debita awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex jipprocedi bl-istanza odjerna ghas-separazzjoni personali minn mal-intimata u dan permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat is-16 ta' Jannar 2023, kopja hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. F';

**Tgħid ghaldaqstant l-intimata ghar-ragunijiet premessi u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja:**

[1] Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba abbandun kif ukoll talli z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimata;

[2] Tiddikjara li l-intimata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrent;

[3] Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u

assenjati lill-partijiet u billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' Nutar sabiex jippubblika l-att/i opportun/i u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimata fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;

[4] Tordna lill-intimata sabiex tirrestitwixxi lir-rikorrent il-beni u krediti parafernali li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti tal-istess rikorrent qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-intimata taghmel dan, tikkundannha thallas lir-rikorrent dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

[5] Tapplika kontra l-intimata l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz il-komminjazzjoni li tilef kull dritt li tiret lir-rikorrent;

[6] Tawtorizza lir-rikorrent jibqa' jghix fid-dar matrimonjali ossia gewwa l-fond 123, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar ad eskluzjoni tal-intimata;

[7] Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-partijiet nhar it-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elf disgha mija u hamsa u disghin (1995);

[8] Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-

separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku;

**Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.**

**Rat ir-risposta ta' Dr Maria Karlsson u PL Hilda Ellul Mercer sabiex jirraprezentaw lil assenti AMB datata 30 ta' Jannar 2024.**

**Illi l-esponenti** gew notifikati bir-rikors ta' VB fl-24 ta' Jannar 2024 u qed jirrispingu t-talbiet maghmula.

Illi l-kuraturi deputati, mhux edotti mill-fatti.

Illi fi kwalukwe kaz, u ghal kull buon fini, ir- rikorrenti jirrilevaw li huma ma ghandhomx ebda taghrif, fejn tinstab AMB , jew it-tfal taghha

Illi jekk ir-rikorrenti missier, iz-zewgt ulied, li jinsabu Malta, jew l-ahwa li jinsabu Malta ,qeghdin in kuntatt ma' ommhom, jew huthom, ir-rikorrenti ghandu jinforma lill- kuraturi deputati minnufih , biex ikunu jistghu jaghmlu kuntatt maghhom.

Illi peress li l-kuraturi deputati mhux edotti mill-fatti, f 'dal -istadju , huma qed jirrimettu ruhhom ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza hija talba ghall-firda personali. Il-partijiet kienu zzewgu fit-30 ta' Gunju 1995, u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal. Illum ilkoll maggorenni. Peress illi l-konvenuta telqet minn Malta fis-sena 2012 b' zewgt itfal u marret tghix lura fir-Renju Unit, l-attur qed jitlob is-separazzjoni minn maghha wara dawn is-snin kollha. Fil-kawza ghalhekk kellhom jinhatru kuraturi sabiex jirrappresentaw lill-istess konvenuta, li kienet qatghet kull kuntatt minn ma' zewggha u sa llum l-attur ghadu ma jafx fejn qed tirresjedi. Ghalhekk, f'dawn il-proceduri, il-provi prodotti huma biss min-naha tieghu, peress illi lanqas il-kuraturi ma rnexxielhom jaghmlu kuntatt maghha.

L-attur ippresenta affidavit tieghu u tat-tfal AJB u BJB . Fi ftit kliem, dawn jikkonfermaw il-kontenut tar-rikors guramentat. Il-konvenuta telqet minn Malta fis-sena 2012 u hadet maghha lit-tifel il-kbir u lit-tifla z-zghira u halliet warajha liz-zewgt itfal l-ohra it-tewmin, li ghalhekk trabbew mill-attur wahdu. L-attur spicca tilef ukoll il-kuntatt mat-tfal li hadet maghha, u hi ma zammet ebda kuntatt mat-tewmin li baqghu Malta mieghu. L-attur ikkonferma li m'ghandu ebda mod kif jaghmel kuntatt maghha.

Fil-kawza xehdu wkoll id-diversi rappresentanti tal-banek lokali, ta' Transport Malta, ta' Identita', u ta' Jobs Plus. Ilkoll esebew dokumenti li permezz taghhom il-Qorti ghandha stampa tal-konsistenza tal-komunjoni. Minn dan jirrisulta li l-konvenuta m'ghandha ebda proprjeta' mobbli hawn Malta. L-unika proprjeta' li ghandhom il-partijiet in komuni hija d-dar matrimonjali u l-garage, it-tnejn akkwistati fiz-zwieg.

Ma gew prodotti ebda provi dwar proprjeta' li tista' tkun tinsab barra minn Malta.

Il-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-attur u minn ulied il-partijiet. Huwa evidenti li l-konvenuta ghandha tinsab hatja tat-tifrik taz-zwieg minhabba abbandun. Ghalhekk il-konvenuta qed tigi dikjarata wkoll li ddekadiet ai termini tal-Artikoli 48 et seq tal-Kap 16.

**<u>Likwidazzjoni komunjoni</u>**

Il-Qorti hi tal-fehma li d-dar matrimonjali, mixtrija fl-2002 fiz-zwieg, ghandha tigi assenjata lill-attur, flimkien mal-garage mixtri ukoll fiz-zwieg fl-2009. Skond id-dokument JB5 esebit quddiem l-Assistent Gudizzjarju, ghad fadal bilanc ta' madwar €19,000 dovuti lill-bank, fuq self ghal xiri ta' proprjeta'. Ladarba d-dar u l-garage t-tnejn qed jigu assenjati lill-attur, ghandu jkun hu li jibqa' responsabbli ghall-hlas ta' dan is-self u ta' kwalunkwe self jew dejn iehor fuq l-istess proprjeta'.

Hemm ukoll diversi kontijiet bankarji f'isem il-partijiet wehidhom u flimkien. Stante l-abbandun tal-konvenuta, dawn il-kontijiet kollha ghandhom jigu assenjati ukoll lill-attur.

Kull vettura u opra tal-bahar registrata fuq isem l-attur kif indikat mix-xhieda ta' Transport Malta ghandha tigi assenjata lilu.

Ma rrisultax proprjeta’ parafernali tal-attur fil-pussess tal-konvenuta.

**Divorzju**

L-attur qed jitlob ukoll li jinghata d-divorzju f’dawn il-proceduri. Il-Qorti m’ghandhiex dubju li jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi biex din it-talba tintlaqa’ wkoll.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba abbandun tal-konvenuta.

Tilqa’ t-tieni talba.

Tilqa’ t-tielet talba u tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwist bejn il-partijiet hekk kif ipprovdut fis-sentenza,

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba’ talba stante li ma gew prodotti ebda provi f’dan ir-rigward.

Tilqa’ l-hames talba.

Tilqa’ s-sitt talba u tawtorizza lir-rikorrent jibqa’ jghix fid-dar matrimonjali ossia gewwa l-fond 123, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar ad eskluzjoni tal-intimata.

Tilqa’ s-seba’ talba u tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-partijiet nhar it-tletin (30) ta’ Gunju tas-sena elf disgha mija u hamsa u disghin (1995);

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku;

**L-ispejjez ghandhom jibqghu provizorjament a kariku tal-attur, izda jsiru rekuperabbli mill-konvenuta, fl-eventwalita’ li din tinstab.**

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci - DEP REG**